MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2009

Numru. 190/2002

**Pulizija**
**(Spettur Mario Bonello)**

**vs**

**Joseph Spiteri**
**Mark Spiteri**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Joseph Spiteri ta' 48 sena bin Anthony u Concetta nee' Borg imwieled B'Kara fil-21 ta' April 1953 u residenti 42, Cristus Vincis, Anglu Mallia Street, B'Kara u detentur tal-karta tal-identita' numru 331053(M) u Mark Spiteri ta' 17-il sena bin Joseph u Rita nee' Borg imwieled Pieta' fis-27 ta' Awwissu 1984 u residenti 42, Cristus Vincis, Anglu Mallia Street, B'Kara u detentur tal-karta tal-

identita’ numru 415684(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

1. Fid-09 ta’ Marzu 2002 ghall-habta tal-04.15 P.M. gewwa B’Kara bil-hsieb li jaghmlu offizi ta’ natura gravi fuq il-persuni tal-konjugi anzjani Joseph u Catherine Caruana wrew dan il-hsieb b’ atti esterni u taw bidu ghall-ezekuzzjoni ta’ dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta taghhom;

2. Fl-istess perjodu, zmien, lok u cirkostanzi ikkagunaw griehi ta’ natura hafifa salv kumplikazzjonijiet fuq il-persuni ta’ Joseph u Catherine Caruana skond kif iccertifikaw Dr. Andrea Imbroll M.D. u Dr. Anthony Gatt M.D. ta’ l-Isptar San Luqa;

3. Fl-istess perjodu, zmien, lok u cirkostanzi heddew u sawwtu lill-konjugi anzjani Joseph u Catherine Caruana kif ukoll lill-konjugi Paul u Helen Caruana b’ oggett iebes (kanna);

4. Fl-istess perjodu, zmien, lok u cirkostanzi qalu kliem oxxen u dagha fil-pubbliku;

5. Fl-istess perjodu, zmien, lok u cirkostanzi, kisru il-paci pubblika b’ ghajjat u glied;

6. Fl-istess perjodu, zmien, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara volontarja billi kisru il-hgieg tal-bieb u taw daqqiet fuq il-bieb ta’ barra tal-fond 139, Anglu Mallia Street, B’Kara liema hsara tiskorri s-somma ta’ hamsin liri maltin izda inqas minn hames mitt lira Maltin ghad-detriment tal-familja Caruana;

7. Fl-istess perjodu, zmien, lok u cirkostanzi dahlu fil-fond 139, John Borg Street, B’Kara biex jikkommettu reat minghajr permess;

Il-Qorti kienet mitluba li minbarra li taghti l-piena skond il-ligi, biex tipprovdi  ghas-sigurta tal-familja Caruana, flimkien mal-piena torbot lill-imsemmija Joseph u Mark

Spiteri b' obbligazzjoni taghhom infushom taht penali li jidrilha xieraq.

Lil Joseph Spiteri wahdu:

1. Fl-istess zmien, lok, hin u cirkostanzi ipparkja vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAU372 quddiem garaxx;

2. Fl-istess zmien, lok, hin u cirkostanzi ippermetta lit-tifel tieghu Mark Spiteri ta' 17-il sena li jsuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAU 372 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan u ghalhekk ma kienx kopert b' polza tas-sigurta ghall-terzi persuni;

3. F'dawn il-Gzejjer nhar id-09 ta' Marzu 2002 irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Ligijiet ta' Malta wara li instab hati b' sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta fit-02 ta' Mejju liema sentenza saret definittiva.

Lil Mark Spiteri wahdu:

1. Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi kkaguna griehi ta' natura hafifa salv kumplikazzjonijiet fuq il-persuna ta' Olena Caruana skond kif iccertifika Dr. Gunther Abela M.D. ta' l-isptar San Luqa;

2. Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAU 372 minghajr ma kellu licenzja tas-sew qan ghalhekk ma kienx kopert b' polza tas-sigurta ghall-terzi persuni.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba ukoll sabiex f' kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi tordna l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan ta' l-imsemmi Joseph Spiteri ghall-dak il-perjodu ta' zmien li jidrilha xieraq u lill-Mark Spiteri milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li jidrilha xieraq.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz in-nota tal-Avukat Generali datata 26 ta' Frar 2003 (esebita a fol. 197

u 198 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

FIL-KONFRONT TA’ JOSEPH SPITERI :
(a) fl-artikoli 41(1)(a), 216, 221, 339(1) (e), 338(bb), 338(dd), 325, 340(d), 49, 50 tal-Kodici Kriminali, 15(1)(b) tal-Kap 65 u 3(1)(2) tal-Kap 104;

FIL-KONFRONT TA’ MARK SPITERI :
(a) fl-artikoli 41(1)(a), 216, 221, 339(1) (e), 338(bb), 338(dd), 325, 340(d) tal-Kodici Kriminali, 15(1)(a) tal-Kap 65 u 3(1)(2) tal-Kap 104;

Rat li waqt l-udjenza tat-21 ta’ Marzu 2003, l-imputati iddikjaraw li huma m’ ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet finali tal-parti civili u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident li sehh fid-9 ta’ Marzu 2002 fejn zewg anzjani, Joseph u Catherine Caruana, sfaw attakkati fir-residenza taghhom gewwa 139, John Borg Street, B’Kara fejn sofrew griehi certifikati bhala ta’ natura hafifa salv kumplikazzjonijiet u dan wara li ftit tal-minuti qabel kien inqala’ incident bejn il-mara tat-tifel taghhom Olena Caruana u xi zghazagh li kienu bil-qeghda fuq l-ghatba tad-dar tal-konjugi Caruana, fost liema zghazagh kien hemm l-imputat Mark Spiteri, liema incident inqala’ minhabba il-mod li kienet parkeggjata il-vettura propjeta’ tal-imputat Joseph Spiteri. Mill-provi rrizulta li meta Olena Caruana u zewgha Paul Caruana irritornaw lura d-dar ta’ omm u missier Paul Caruana, fejn huma wkoll kienu qed jghixu, u kienu qed ihottu x-xirja

kien hemm il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAG 509 parkeggjata parzjalment quddiem il-bieb tal-garaxx tad-dar tal-konjugi Caruana. Fuq l-ghatba tad-dar taghhom kien hemm ukoll bil-qeghda xi guvintur u tfajliet u Olena Caruana qaltilhom sabiex jersqu. Il-konjugi Caruana jghidu li dawn kollha resqu min-nofs hlief l-imputat Mark Spiteri. Jidher li imbaghad inqala' ncident bejn Mark Spiteri u Olena Caruana fejn din tal-ahhar xehtet barmil bl-ilma lejn iz-zghazagh u mbaghad Olena Caruna qabdet ashtray tal-granit li kien hemm gewwa d-dar u wadbitu lejn iz-zghazagh u skond l-imputat Mark Spiteri din l-ashtray laqtitu f'rasu u mbaghad intlaqtet il-vettura ta' missieru li kienet parkeggjata hdejn id-dar tal-konjugi Caruana. L-imputat Mark Spiteri jghid li huwa telaq minn fuq il-post bil-mixi u kien sejjer lejn l-Ghassa sabiex jaghmel rapport meta ltaqa' ma missieru Joseph Spiteri fit-triq li sadanittant kien sar jaf li huwa kien wegga ghaliex kien gie avzat telefonikament mit-tfajla ta' Mark u dan qallu li ahjar ma jmurx l-Ghassa sabiex ma jkabrux l-affarijiet izda jkun opportun li jmorru ghand il-familja Caruana sabiex huwa jisma' l-verzjoni taghhom dwar kif graw l-affarijiet. Skond il-familja Caruana l-imputati Mark u Joseph Spiteri dahlu fid-dar taghhom b'kanna tal-hadid f'idejhom fejn agredew lil konjugi Paul u Catherine Caruana u kkagunawlhom feriti f'rashom. Dejjem skond il-membri tal-familja Caruana l-imputati Spiteri kienu kisru il-hgieg tal-bieb ta' barra taghhom b'din il-kanna tal-hadid. L-imputati Mark u Joseph Spiteri min-naha l-ohra jallegaw li meta huma habtu mal-bieb ta' barra tal-familja Caruana Paul Caruana fetah il-bieb u kellu kanna tal-hadid f'idejh, huwa gibed lill-imputat Mark Spiteri gewwa d-dar. Joseph Spiteri jghid li huwa dahal gewwa d-dar sabiex jiddefendi lil ibnu u irnexxielu jiehu l-hadida minn id Paul Caruana u huma hargu mid-dar, rikbu fil-vettura taghhom u saqu minn fuq il-post. Joseph Spiteri jghid li sussegwentement huwa waqaf u ta struzzjonijiet lil ibnu sabiex jarmi l-kanna tal-hadid barra t-triq. L-imputati Spiteri jghidu li Joseph u Catherine Caruana intlaqtu bil-kanna tal-hadid minn binhom stess  u jichdu li huma kienu kisru l-hgieg tal-bieb ta' barra tal-familja Caruana.

Ikkunsidrat:

Wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha mressqa f'dan il-kaz l-Qorti jidrilha li kien l-agir ta' Olena Caruana li inizjalment provoka l-incident kollu stante li din minflok kellmet liz-zghazagh bil-kelma t-tajba u qaltilhom sabiex ma jibqghux bil-qeghda fuq l-ghatba taghha wadbitilhom l-ilma u ashtray tal-granit fejn spiccat laqtet lilll-imputat Mark Spiteri u l-vettura ta' missieru li kienet parkeggjata quddiem il-bieb taghha. Il-Qorti tixtieq tirrileva f'dan ir-rigward li x-xhieda ta' Olena Caruana m'hijiex kredibbli ghaliex hija tixhed b'mod evasiv ghall-ahhar u inoltre ix-xhieda taghha hija kontradetta minn dik ta' zewgha Paul Caruana li jikkonferma dak li qal l-imputat Mark Spiteri u cioe' li Olena Caruana kienet wadbet l-ashtray tal-granit, kif ukoll mix-xhieda ta' Catherine Caruana. Madanakollu l-Qorti jidrilha wkoll li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputati Joseph u Mark Spiteri dwar x'gara meta huma t-tnejn marru flimkien fid-dar tal-familja Caruana ma tistghax titwemmen. Il-Qorti hija tal-fehma li l-verzjoni tal-fatti moghtija minn Joseph u Catherine Caruana f'dan ir-rigward hija ferm aktar kredibbli u jidrilha wkoll li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li kienu z-zewg imputati li marru d-dar tal-konjugi Caruana bil-kanen tal-hadid f'idejhom sabiex jiehdu sodisfazzjon ghal dak li kien gara ftit tal-hin qabel fl-incident ma Olena Caruana u kienu huma li kisru l-hgiega tal-bieb ta' barra tad-dar tal-konjugi Caruana. Il-Qorti jidrilha li l-agir tal-imputati Spiteri fil-mument li huma marru fid-dar tal-konjugi Caruana armati b'kanna tal-hadid, fejn kisru l-bieb ta' barra, dahlu fid-dar ta' terzi u sawtu lil Catherine u lil Joseph Caruana b'kanna tal-hadid ma jistghax ma jitqiesx bhala attentat li jikkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuni tal-imsemmja konjugi Caruana anzjani li fiz-zmien tal-incident kellhom 65 u 64 - il sena rispettivament. Irid jigi rilevat li dawn iz-zewg anzjani bl-ebda mod ma kellhom x'jaqsmu mal-incident li nqala' bejn Olena Caruana u Mark Spiteri u shabu u ghalhekk ma jistghax jitqies li l-imputati agixxew in self defence ai termini tal-artikolu 223 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew li altrimenti l-agir taghhom jista' jkun meqjus bhala b'xi mod skuzabbli ghaliex provokat mill-agir taz-zewg anzjani. L-imputati Mark u Joseph Spiteri qeghdin ghalhekk jinstabu

hatja tal-ewwel(1), it-tieni(2), it-tielet(3), il-hames(5), is-sitt(6) u s-seba'(7) akkuza migjuba fil-konfronti taghhom.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti taqbel ma dak sottomess mid-Difiza in kwantu jirrigwarda it-tielet(3) akkuza, u cioe' li din ghandha titqies bhala mezz ghal fini tat-tieni imputazzjoni u li ghalhekk ghandu jigi applikat l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti taqbel ukoll ma dak sottomess mid-Difiza in kwantu jirrigwarda r-raba'(4) akkuza migjuba kontra z-zewg imputati fis-sens illi bl-ebda mod ma jista' jitqies li gie pruvat li l-imputati qalu kliem oxxen u daghha fil-pubbliku ghaliex hadd mix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni ma semma jew indika li ntqal dan it-tip ta' kliem mill-imputati.

In kwantu jirrigwarda it-tlett(3) akkuzi migjuba fil-konfronti tal-imputat Joseph Spiteri wahdu l-Qorti jidrilha li hemm kunflitt ta' provi fir-rigward tal-ewwel zewg akkuzi stante li m'huwiex car jekk effettivament il-vettura propjeta' tieghu kienitx parkeggjata quddiem il-bieb ta' barra tal-konjugi Caruana jew altrimenti quddiem il-garaxx u dan jinghad ghaliex jidher li Paul Caruana rnexxielu jdahhal il-vettura tieghu fil-garaxx meta wasal id-dar ma martu u ghalhekk ma jistghax ikun li l-vettura ta' Spiteri kienet parkeggjata quddiem il-garaxx. Jezisti wkoll kunflitt dwar jekk l-imputat Mark Spiteri effettivament saqx il-vettura ta' missieru. Hadd ma xehed li rah isuqha u jipparkeggjaha quddiem id-dar tal-konjugi Caruana u ghalkemm Joseph Caruana jghid li rah jitlaq bil-vettura immedjatament wara li kellu xi jghid ma Olena Caruana, ix-xhud Therese Mallia (xhieda relattiva inserita a fol. 235 u 236 tal-process) tghid li hija rat lil Mark Spiteri jitlaq minn fuq il-post bil-mixi u ftit wara regghat ratu gej fuq il-post ukoll bil-mixi u akkompanjat minn missieru. Dan ir-ragunament ovvjament japplika wkoll ghall-ewwel(1) akkuza migjuba fil-konfronti ta' Mark Spiteri wahdu. Dwar it-tielet(3) akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat Joseph Spiteri din giet pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni stante li giet prezentata is-sentenza relattiva u saret id-debita prova tal-identita'.

In kwantu jirrigwarda it-tieni(2) akkuza migjuba fil-konfronti ta’ Mark Spiteri wahdu fejn huwa qed jigi akkuzat li kkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta Olena Caruana, l-Qorti taghmel referenza ghal dak li ntqal aktar ‘il fuq dwar il-kredibilita’ ta’ din ix-xhud u ghalhekk jidrilha li anki fil-kaz ta’ din l-akkuza jezisti kunflitt ta’ provi li ovvjament ghandu jimmilita favur l-imputat.

Ghal finijiet ta’ piena in kwantu jirrigwarda l-imputat Mark Spiteri l-Qorti qieset l-eta’ tieghu fid-data li huwa kkommetta r-reati li taghhom qed jinstab hati fejn huwa kien ghadu minorenni, kif ukoll il-fatt li huwa ghandu fedina penali netta u jidrilha li fic-cirkostanzi m’ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva. Wara li hadet konjizzjoni tal-fedina penali tal-imputat Joseph Spiteri minn fejn jirrizulta li fit-2 ta’ Mejju 2001 huwa kien diga’ nstab hati li hebb ghal tnejn min-nies u kkagunalhom griehi ta’ natura hafifa, u ghalhekk jidher li huwa ma tghallimx il-lezzjoni, u cioe’ li m’ghandekx tirrisolvi l-kwistjonijiet ma haddiehor bl-uzu tal-vjolenza jew billi thebb ghalihom. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li fic-cirkostanzi ghandha timponi piena karcerarja effettiva anki ghaliex il-vittmi kienu zewg persuni anzjani u l-attakk fuqhom sar pemezz ta’ kanna tal-hadid u gew kagunati griehi f’rashom li b’xorti tajba ma kellhomx konsegwenzi aktar serji.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31,41(1)(a), 221, 339(1)(e), 338(dd), 325, 340(d), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat Joseph Spiteri hati tal-ewwel(1), it-tieni(2), it-tielet(3), il-hames(5), is-sitt(6) u s-seba’(7) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u ta’ Mark Spiteri f’daqqa, issibu hati wkoll tat-tielet(3) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu wahdu u tikkundannah seba’ (7) xhur prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Joseph Spiteri mhux hati tal-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

Wara li rat l-Artikoli 17, 31, 41(1)(a), 221, 339(1)(e), 338(dd), 325, u 340(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat Mark Spiteri hati tal-ewwel(1), it-tieni(2), it-tielet(3), il-hames(5), is-sitt(6) u s-

seba'(7) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u fil-konfronti ta' Joseph Spiteri u tikkundannah seba'(7) xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perijodu ta' sentejn millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Mark Spiteri mhux hati tal-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

Tordna wkoll lill-imputat Mark Spiteri ai termini tal-Artikolu 28H(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex sa zmien sitt (6) xhur millum ihallas is-somma ta' erbgha mija u hamsa u disghin ewro u sebgha u hamsin centezmu (€495.57) lill-konjugi Joseph u Catherine Caruana.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tordna lill-imputati Mark Spiteri u Joseph Spiteri sabiex fi zmien xahar minn meta jigu hekk mitluba ihallsu lir-Registratur tal-Qorti in kwantu ghal nofs kull wiehed is-somma ta' erba' mija u disgha u disghin ewro u tmintax-il ewro centezmu (€499.18) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat Mark Spiteri l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------